MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 220/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi huwa zzewweg mal-intimata fil-knisja tal-Madonna tal-Mirakli fi H'Attard San Bastjan, Qormi, fit-3 ta' Settembru 1995 u minn dan iz-zwieg ghandu tifel wiehed li jismu J li twieled fis-7 ta' Settembru 2001;

Illi l-esponenti ilhom snin separati *de* facto u ipprocedew ghal separazzjoni konsenswali permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Lisa Camilleri tas-6 ta' Lulju 2007.

Illi l-partijiet huma domiciljati Malta u fil-kuntratt ta' separazzjoni personali hemm provvedimenti xierqa u opportuni dwar il-manteniment tat-tifel.

Illi ma hemm ebda possibilta` ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi wara li jghaddi zmien utli skond il-ligi, li kopja tad-digriet relattiv jigi komunikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jigi debitament registrat skond il-ligi;

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

Illi hija m'ghandhiex oggezzjoni illi dan iz-zwieg taghha mar-rikorrenti jigi xolt;

Illi ghalkem il-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jghid illi 'l-manteniment ordnat mill-Qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-mizzewgin f'kuntratt ta' separazzjoni ghandu jigi meqjus bhala manteniment adegwat', m'hemmx qbil bejn il-partijiet illi l-ammont stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet redatt minn Nutar Dr Lisa Camilleri jikkostitwixxi manteniment adegwat ghal htigijiet tal-minuri Jerome Grech;

Illi ghal kull buon fini, l-esponenti tiddikjara illi nfethu proceduri ta' medjazzjoni sabiex l-ammont ta' manteniment ghat-tifel minuri pagabbli lill-mara jigi rivedut sabiex jirrifletti l-bzonnijiet tal-minuri;

Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, il-kundizzjonijiet elenkati ghall-hlas ta' manteniment qeghdin jigu rispettati u f'dan l-istadju m'hemmx arretrati u ghaldaqstant l-esponenti, bla pregudizzju ghas-suespost, ma topponiex ghax-xoljiment taz-zwieg tal-kontendenti;

Illi in oltre, l-esponenti ma kellha l-ebda interess illi tiehu dan id-divorzju u ma thossx illi ghandha thallas ghall-ispejjez tieghu;

Ghaldaqstant ghalkemm l-esponenti ma toggezzjonax ghall-hall taz-zwieg, hija toggezzjona ghall-hlas tal-ispejjez abbinati ma din il-kawza;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Mejju, 2013;

Rat illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta’ Settembru, 1995;

Rat illi ir-rikors gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti;

Rat illi fir-risposta taghha l-intimata mhijiex topponi ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal diversi snin u isseparaw legalment fis-6 ta’ Lulju 2007.

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------